MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 11/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, fejn din wara li ppremettiet:

Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fl-1 ta' Jannar 1976 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A u sseparaw legalment fl-14 ta' Novembru 2002;

Peress li l-attrici ta' erbatax-il sena kienet tghix mal-genituri tal-konvenut minhabba li kienet gejja minn familja

separata u missierha ma setghax imantni s-sitt itfal li kollha kienu mieghu ghand in-nanna paterna minhabba li ommha kienet qed tghix ma' haddiehor;

Peress illi l-attrici kellha sittax-il sena u kellha erba' xhur tqala meta zzewget lill-konvenut tant li l-kbir twieled fit-13 ta' Mejju 1976 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok B filwaqt li l-konvenut kellha 19-il sena;

Peress li l-partijiet izzewgu minghajr ma kienu infurmaw lill-genituri taghhom li hija kienet tqila tant li l-preparamenti saru ta' malajr u kienet l-attrici li kienet heddedt lill-konvenut li jekk ma jizzewwighiex hija tmur tinghalaq ghand is-sorijiet;

Peress li meta zzewgu l-intimat zewgha mal-ewwel qalilha li l-hajja taz-zwieg ma tghoddx ghalih ghax iz-zwieg huwa ingassa ma ghonqu u balla tal-hadid mas-sieq, liema diskors huwa qatt ma kien qalu lill-attrici qabel iz-zwieg;

Peress li l-konvenut baqa' jghix hajja ta' guvni u johrog ma' nisa ohra u dan l-attrici kienet tkun tafu minhabba l-fwieha ta' nisa li kien ikollu fi hwejgu izda kull darba li kienet tghidlu l-konvenut kien jghoddha bhala mignuna u paranoid u jinfexx fis-swat tant li kien anke waqqghalha xagharha u giet tizen 42 kilos minhabba li kien jghoddha bhala mignuna meta kienet tikkonfrontah bl-infedelta' tieghu;

Peress li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, E li ghandu 33 sena u F li twieled fis-sena 1982. E kien gie koncepit qabel iz-zwieg u t-tieni wiehed twieled wara li l-attrici kienet assigurata li kienet safe u dana ghax matul iz-zwieg huma qatt ma kellhom full intercourse;

Peress li l-konvenut qatt ma kien jiehu responsabbilta' lejn uliedu tant li kollox kienet tiehu hsieb l-istess attrici;

Peress li l-konvenut mhux l-ewwel darba li f'nofs ta' lejl kien irid jehodha fuq l-irdum ta' Had-Dingli u wara qalilha li ried jaghmel hekk biex jehles minnha u l-argumenti

taghhom dwar l-adulterju tieghu kienu jispiccaw dejjem billi jghajjarha paranojka u jheddidha li ser jibghatha frankuni;

Peress li difatti l-konvenut ghadu f'relazzjoni ma' certu G H li minnha ghandu tifel li ghandu sbatax-il sena u li ghadu maghha sal-lum;

Peress li waqt iz-zwieg, il-konvenut kien jaghmel sitt xhur mal-attrici u sitt xhur mal-habiba u kien jirritorna lura d-dar meta jiggieled mal-istess habiba;

Peress li meta kellu t-tifel ma' G H huwa rrifjuta li jirrikonoxxih u kien b'insistenza tal-attrici li huwa rrikonoxxih;

Peress li l-konvenut kien abbanduna lill-attrici kompletament u lill-uliedu fis-sena 1991 sabiex imur jghix ma' G H meta l-attrici kellha l-provi kollha dwar l-infedelta' ta' zewgha u ghadu jghix maghha sal-lum;

Peress li l-attrici fl-1996 hija saret musulmana minghajr ma infurmat lil zewgha u li zewgha ghamilielha cara li huwa ma kienx izzewweg musulmana u li kieku l-attrici kienet qaltlu hekk meta zzewgu zgur li ma kienx jizzewwigha;

Peress li l-partijiet lanqas kellhom il-preparazzjoni mehtiega dwar ir-responsabbiltajiet taz-zwieg tant li l-attrici kellha sittax-il sena u l-konvenut kellu ghoxrin sena.

Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Peress li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta’ Jannar 1976 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota guramentata ta’ C D li permezz taghha qed jaghti ruhu notifikat bic-citazzjoni u li jaqbel li dan iz-zwieg ghandu jigi annullat ghar-ragunijiet li qed taghti l-istess martu.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti f’din il-kawza qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara li z-zwieg bejnha u bejn zewgha huwa null u bla effett u dan ghar-ragunijiet elenkati fir-rikors promotur.

Madanakollu, kif dejjem sostnew dawn il-Qrati,

F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi

kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.” (“*ommissis* vs *ommissis*” deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

Il-fatti madwar dan iz-zwieg huma strambi u penibbli. Ir-rikorrenti gejja minn familja mifruda. Kienet wahda minn sitt itfal. Ommhom kienet telqithom biex tghix ma’ ragel iehor u t-tfal baqghu ma’ missierhom li kien jghix m’ommu. Meta l-missier ma setax irrabihom kollha, l-attrici li kienet ghadha tifla, spiccat tghix mal-genituri tal-intimat. Ta’ sittax-il sena harget tqila. L-intimat kellu dsatax-il sena. Heddet lill-intimat li jekk ma jizzewgux tmur tinghalaq ghand is-sorijiet. Hu ghalhekk accetta li jizzewwigha. Izzewgu izda ma qalu lil hadd mill-qraba li hija kienet tqila. Meta zzewgu l-intimat mal-ewwel qalilha li “l-hajja taz-zwieg ma tghoddx ghalih ghax iz-zwieg huwa ingassa ma’ ghonqu u balla tal-hadid mas-sieq.”

Kien f’dan l-isfond li l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg. Kif svolgiet il-hajja wara tista’ tigi facilment kunsidrata bhala mera ta’ dik li effettivament kienet id-dispozizzjoni tal-intimat u n-nuqqasijiet kbar fil-personalita’ tar-rikorrenti odjerna.

L-intimat qatt ma kien dispost jghix iz-zwieg fil-fedelta’ lejn martu. Huwa beda relazzjonijiet adulteri sa minn zmien bikri taz-zwieg. Jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrent, konfermata ukoll mill-affidavit ta’ uliedha illi l-intimat kien iqatta’ sitt xhur mal-mara u sitt xhur mal-habiba li maghha kien ifforma familja ohra. L-abbandun ta’ martu u uliedu jikkonfermawh ukoll l-istess ulied il-partijiet fl-affidavit taghhom.

F’dan iz-zmien deher mill-bidu nett li l-intimat qatt ma kellu l-intenzjoni li jistabbilixxi dik il-komunjoni ta’ mhabba u hajja li effettivament tikkostitwixxi zwieg.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Jannar 1976 huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------